Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 37

It- Tnejn,11 ta' April 2022

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.07pm

**37.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

37.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**37.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal- Minuti**

37.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tal- Sitta u Tletin Laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

37.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**37.3 Komunikazzjoni mis- Sindku**

37.3.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-kuntratt għat-tibdil tal-pavimentar ġewwa l-Mdina ġie ffirmat flimkien ma' Infrastructure Malta fejn fl-ewwel fazi ser jitqiegħed pavimentar ġdid fi Pjazza San Publiju.

37.3.2 Is- Sindku qal li kif jaf kulħadd minħabba li kien hemm tibdil fid- dekasteri tal- Ministri wara l-Elezzjoni Ġenerali, il-kwistjoni ta' parkeġġ alternattiv qiegħed bħalissa mizmum bit-tama li it-taħdidiet mal- Ministru konċernat jerġaw jibdew.

37.3.3 Is- Sindku talab lis- SE biex jibgħat reminder lill- Awtorita' tat- Turizmu fir-rigward tal- kiri tat- Torre dello Standardo għal Uffiċċju tat- Turizmu li issa għaddew aktar minn sentejn u ma smajna xejn min għandhom jekk għadhomx interessati jew le.

36.3.4 Is- Sindku talab li tintbgħat ittra lid- Direttur Ġenerali tad- Direttorat għar- Restawr rigward arloġġ Seiko li kien twaħħal meta sar il-bini tal-*horse shed* u li xhur ilu kien sar xi manutenzjoni fuqu u dan l-arloġġ baqa' ma twaħħalx.

36.3.5 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li wara li kien tkellem fuq il-possibilita' ta' ġemellaġġ mal-Comune di Siena, il-comune kiteb lura fejn wera' interess qawwi min naħa tagħhom u bejn ix-xahar ta' Mejju jew Ġunju għandu jasal hawn Malta is- Sindku ta' Siena biex din il-possibilita' ta' ġemellaġġ isseħħ.

**37.4 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

37.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett kwotazzjonijiet għal manutenzjoni tad- dustbins ħodor li jinsabu ġewwa l-Mdina.

37.4.1.1 Il-Kunsill għazel li jmur għal- irħas offerta u approva l-kwotazzjoni mibgħata minn F & M għas-somma € 3776.00

37.4.2 Is- SE talab lil Kunsill li hekk kif bdew it-tħejjijiet għal Medieval Mdina li minnufih, tinstab lukanda fejn ser jitpoġġew gruppi barranin mill-aktar fiss possibbli peress li kull ġurnata li tgħaddi il-possibbilta' li r-rati tal-kmamar jogħlew peress li dan ser isir f' Lulju li jkun peak season għat-turizmu f' Malta.

37.4.2.1 Il-Kunsill talab lis- SE li jġib tlett kwotazzjonijiet minnufih jagħzel l-irħas offerta mingħajr ma joqgħod jistenna' l-laqgħa li jmiss għal approvazzjoni.

37.4.3 Arcikonfraternita ta' San Guzepp: Festa ta' San Guzepp- Talba biex tintuza it- Tomba nhar il- Ħadd 2 ta' Mejju u mil- Ġimgħa 6 ta' Mejju sal Ħadd 8 ta' Mejju biex minnu jkun jista' jinħarag logħob tan-nar tal- Ajru. Il-Kunsill approva fejn jiġu rispettati ir-regolamenti stipulati kemm mill-Kunsill kif ukoll dawk tal-Pulizija.

37.4.3 Is- SE ressaq proposta fuq l-apparat AED li ngħata mir- Reġjun Tramuntana biex minflok titwaħħal il-Kunsill din tingħata lil Kapitlu tal- Katedral ta' L- Mdina biex titpoġġa fil- Katedral għax hemmhekk tilħaq massa ta' nies ferm izjed mill-Uffiċċju. Il-Kunsill qabel ma din l-idea u talb li jsiru l-arranġamenti meħtieġa.

37.4.4 Ittra mill- Ministeru ta' l-Agrikoltura, Sajd, Ikel u Annimali biex fl-Mnarja li tkun iċċelebrata nhar id- 29 ta' Ġunju terġa tibda tiġi organizzata it- traduzzjoni ta' purċissjoni mill-Katedral sal- Grotta ta' San Pawl. Is- Sindku talab li ssir laqgħa mal-Ministeru.

37.4.5 Is-SE ressaq ilment mill-istabbilimenti ta' l-ikel li jinsabu fit- Taraġ tas- Saqqajja biex jaraw meta ser jitlesta ix-xogħol li għaddej hemm minn Infrastructure Malta. Is- SE kiteb lil Perita nkarigata mix-xogħol u infurmatu li suppost ix-xogħolijiet ser jispiċċaw sa l-aħħar ta' Mejju kif ukoll li għandha ssir laqgħa mas-sidien ta' l-istabbilimenti.

37.4.6 AKL 2022/039- Tiġdid tal- Membership ECAD. Il-Kunsill approva.

**37.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

37.6.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 11 ta' April 2022 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 27,720.41

37.6.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

.

**37.7 Tmiem tal- Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

36.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 4.26pm u ġiet aġġornata għas- 9 ta' Mejju 2022 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:____11 ta' April 2022__